Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAS-SITTA U SEBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 26 ta' Jannar 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-prezenza tas-Sur Cordina, Sur Cassar, Sur Spiteri u Sur Zammit:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | REMIGIO BARTOLO (Skuzat) |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI (Skuzata) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

Il-laqgha giet sopiza sabiex jitkellem is-Sur Malcolm Attard. Hu spjega progett li kellu fuq skritt (play) li hu kiteb li xtaq iressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill u li xtaq itella' minhabba li hawn ir-rahal ma tantx hawn inizjattivi bhal dawn. F'dan il-mument dahal is-Sur John Bonnici. Hu kompla jispjega kif ma xtaqx ikun vulgari imma bl-espozizzjoni ta' karattri u r-realta' ta' dan iz-zmien. Hu qal li din il-play tista' ssir ic-Centru. Is-Sur Spiteri saqsa jekk flok ic-Centru tistax issir gol-iskola. Hu qal li m'ghandux oggezzjoni biex din issir l-iskola. Is-Sur Spiteri saqsa f'hiex jidhol il-Kunsill? Hu qal li pprova jikri s-Sala tac-Centru imma gie mitlub hafna flus u peress li dan hu progett minn butu xtaq xi forma t'ghajnuna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ghajnuna li tista' tinghata hi fil-kiri tas-Sala u xi *advertising*. Gie deciz li jsiru zewg serati f'21 ta' April l-Imgarr u 9 ta' Gunju, H'Attard.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Il-minuti gew approvati b'korrezzjoni fuq il-kelma 'affarijiet' li flokha trid tiddahhal il-kelma 'zmienijiet' ghax Is-Sur Zammit sostna li hekk kien qal.

2. **KORRISPONDENZA**
   🗁 E-mail minghand is-Sur Joseph F. Micallef rigward anzjani li jibqghu jghixu f'darhom u li jkollhom bzonn servizz ta' *handyman*. Is-Sur Zammit qal li jrid ikun wiehed robust biex jaghmel dan ix-xoghol. Is-Sur Spiteri qal ukoll li nistghu npoggu avviz biex in-nies johorgu b'idejat kif jistghu jghinu l-kumunita'. Is-Sur Cassar qal li xorta tista' ssir Bye-law biex inkunu koperti bil-ligi minhabba li l-Kunsill ma jistax jitlob flus.
   🗁 E-mail rigward talba ghall-reklamar minn gazzetta li riedet tpoggi xi standa madwar ir-rahal. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Bye-law kienet applikabbli imma meta hi baghtet kopja tal-Bye-Law is-sid ma hax pjacir u qal li Kunsilli ohra ma ccargjawhx. Is-Sur Cassar qal li mhux talli ghandu jigi ccargjat skond il-ligi talli anki min ghandu reklamar iehor fuq ghamara tat-toroq ghandu jinghata deadline sabiex ihallas u min mhux ihallas jinqalghu ir-reklami kollha. Dan gie approvat u ghandu jinbeda process t' iccekkjar u dawk il-u bends b'reklamar li mhux imhallsin ghandhom jinqalghu ir-reklami min fuq hom u jinghatghu lill-haddiehor.
   🗁 Ittra minghand l-Imhallef Noel Cuschieri rigward talba ghall-rimbors minhabba paccjatura li fis-sajf lil ghadda beda jtir iz-zrar minnha u saritlu hsara fil-karozza bil-qatran li beda jinhall bis-shana. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din ma kienetx hofra u li ma tahsibx li b'daqshekk il-Kunsill ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni. Is-Sur Bonnici qal

li ma jhossx li ghandna nmorru nindahlu jew nghatu opinjoni ahna meta jista' jinghata parir tal-avukat. L-istess haga tghodd ghall-kwistjoni li ilha ghaddejja sentejn tal-Prim Imhallef Vincent de Gaetano rigward l-ilma li dahhallu fil-basement meta kien qed isir skavar fi Gnien Hal Warda. Ghandu jittiehed il-parir tal-Avukat fiz-zewg kazi u jmexxina hu.

**3. RAPPORTI – XOGHOLIJIET**

Is-Sur Cordina nforma l-Kunsill bix-xoghlijiet li kienu ghaddejjin. Qal li Gnien Hal Warda wasal fil-final, li nfethu t-Tenders tal-apparat ta' Gnien Hal Warda u Gnien l-Istazzjon u l-Bord tal-Aggudikazzjoni wasal ghall-konkluzjoni li l-ahjar apparat b'garanzija ta' 25 sena hu dak ta' Alhag Limited. Il-Kunsill qabel ma din id-decizjoni biss qalet is-Segretarju Ezekuttiv li minhabba li l-fondi huma ristretti ha tara jekk dan il-progett hux ha jigi approvat taht l-iskema ta' ghajnuna sabiex jigu rrangati *playing fields* ezistenti jew inkella hux ahjar li ssir applikazzjoni UIF minhabba li zgur m'hemmx €35,000 sabiex dawn isiru din is-sena. Fakkret ukoll li fadal somma konsiderevoli x'tithallas mill-Gnien u li b'kollox diga' thallsu mad-€90,000 mill-ispiza tal-Gnien. Fakkret ukoll li fadal l-ahhar kont li hi kellha tircievi dalwaqt ta' madwar €60,000 tax-xogholijiet li jinkudu parti mill-madum, xogholijiet manwali ohra, d-dawl bankijiet u lanterni, kif ukoll kont iehor li jinkludi l-parti l-ohra tal-madum li fadal u dan ifisser madwar € 60,000 ohra li minnhom koperti bil-UIF hemm biss €36,728. Dan iffisser li l-Kunsill se jkollu johrog madwar €88,000 ohra mill-ispejjez tieghu li l-allokazzjoni ghalihom biex ikopru spejjez ohra maghhom hemm biss €190,000. Il-kumplament biss jistghu imorru fuq toroq u bankini ammeno che il-Kunsill ma jdahhalx fondi extra mill-krejnijiet u bye-laws ohra biex inkompru l-ispejjez.

Is-Sur Cordina kompla semma xi xogholijiet ohra li saru madwar ir-rahal ta' rutina u li kienu se jitkomplew xi xogholijiet hekk kif it-temp jippermetti.

**4. APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET DICEMBRU**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni l-hlasijiet ta' Dicembru. Dawn gew approvati. Saret oggezzjoni fuq il-hlasijiet ghall-overtime tas-Sinjura Julie Cachia minhabba li s-Sur Zammit ma jaqbilx li jsiru dawn il-hlasijiet biex wiehed jikkontrolla l-infieq u nibzghu ghall-flus. Is-Sur Cordina qal li dawn huma spejjez ikkontrollati u li ghax kien hemm bzonn iddahhlet is-Sinjura Cachia. Is-Sur Spiteri qal li hu u s-Sur Cordina ma jiffirmawx l-approvazzjoni tal-hlasijiet bl-addocc u li jemmen li s-Sinjura Mifsud hija kkontrollata. Is-Sur Zammit saqsa wkoll jekk is-Sur Valletta per ezempju jithallasx dak l-ammont kull xahar. Is-Segretarjui Ezekuttiv qalet li le. Li daqqa xahar jigi hekk u daqqa xejn u fil-fatt dak l-ammont ma jinkludix biss xogholijiet imma affarijiet li jkunu ntraw ukoll. Is-Sur Bonnici Johmn P. Bonnici qal li alklura ghandha ssir spjegazzjoni ahjar fid-deskrizzjoni sabiex ma jidhirx ikrah u li hadhom kollha hu meta hu kellu sevizz biss u affarijiet li xtara wkoll. Is-Sur Spiteri qal li hu dejjem jiccekkjhom u anka l-Budget fela sewwa. Qal biss li l-importanti li ma jsirux xebgha xogholijiet lejliet l-elezzjoni sabiex ma jigrix bhas-snin ta' qabel li wara l-2007 spiccajna bid-deficit. Qal li jekk hemm deficit ghandha jkun hemm spjegazzjoni bhas-sena 2010 meta sar Jum H'Attard etc.

**5. APPRVAZZJONI DRAFT BUDGET 2012**

Is-Segretarju spjegat id-Draft Budget u qalet li dan mhux finali ghax jista' jkun hemm xi caqliq anki minhabba li l-Gvern ghadu kemm habbar li ha jkun hemm xi nuqqas ta' fondi. Dan gie approvat imma ghandu jigi rivedut anka kif qal is-Sur Cassar minhabba li dan mhux finali.
Is-Sur Cassar qal li ghandu jsir pjan ta' mobilita' sabiex naraw x'hemm fondi ghall-bankini.Hu qal li ghandha ssir lista u s-Sur Philip Caruana ghandu jindika liema bankini huma tajbin, mhux hazin jew hziena. Is-Sur Spiteri qal li ghandha ssir spreadsheet b'dawn il-kolonni Tajba, Hazina, Hazina hafna. Edaln ghandu jsir.

**6. PROPOSTA PUBBLIKAZZJONI DR. JOE BORG**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-approvazzjoni proposta ta' ktejjeb miktub mis-Suir Joe Borg u wriet sample ta' kif sar fuq l-widien u fdalijiet gewwa s-Salini. Din l-ideja intghogbot u ghandu jigi kkuntatjat is-Sur Borg sabiex dan il-ktejjeb isir. Ceramika glazed points of attraction

## 7. PROPOSTA PICTORIAL MAP OF ATTARD

Is-Segretarju Ezekuttiv wriet mappa ta' San Pawl il-Bahar u qalet li tkun xi haga nteressanti kieku ssir ghall-H'Attard fejn jitwerew postijiet t'attrazzjoni bhall-fejn tinhadem ic-ceramika etc u jsiru points of attraction. Din l-ideja giet milqugha.

## 8. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dan il-punti:

- Xtaq li jitkompla x-xogho fuq il-liberija u li jkollna librerija fuq kotba tal-ambaxxati. Is-Sur Cordina qal nistghu niktbulhom.
- Nforma l-Kunsill li s-Sur Caruana xtara xi sigar mill-Gaia Foundation u dawn se jinzeerghu f'Triq il-Gradilja, Wied Incita, Victor Vassallo, hdejn il-Bus Shelter tal-flats, hdejn is-Sinjura Claire Pisani flok il-Yukki, gudas tree.
- Gibed l-attenzjoni li Triq l-Istwiel hemm xi kurduna zejda.
- Fakkar fil-bankina ta' Triq Victor Vassallo.

Is-Sur Zammit ressaq dan il-punti:

- Talab li s-Sur Caruana jirranga l-bankina ta' faccata tal-G&G Supermarket.
- Fakkar fl-isleeping policemen twil fl-istess triq.

Is-Sur John P.Bonnici ressaq dan il-punti:

- Tigi rrangat bozza maqtugha fi Triq il-Marg fil-bidu.
- Issir rapport lill-pulizija fuq Triq il-Mithna.
- Gibed l-attenzjoni fuq id-dumping ta' wara l-hajt fi Triq Dun Mikiel Xerri. Qal li jista' jsir xi forma ta' fencing.
- Talab xi nformazzjoni fuq kamra battala fi Triq San Dominku.
- Talab li tigi ppeccjata Triq is-Salvatur

.

Is-Sur Mark A. Spiteri ressaq dan il-punti:

- Talab li jsiru zewg sleeping policeman fi triq Victor Vassallo fejn id-dar 'Xwejni' u fejn l-Arcades Stationery.
- Li tigi mmexxija l-Bring-in site ta' Dun Mikiel Xerri u li ga kien semma s-Sur Bonnici. Is-Sur Cordina qal li jekk hemm bzonn jitnehhew minn hemm minhabba li qed jintefghu xi annimali mejta.
- Li Triq il-Mixtla issir one-way wara li ssir konsultazzjoni man-nies.
- Li ssir Press Conference fuq il-barriera ta' Wied Incita nhar il-Hamis, 9 ta' Frar f'nofsinhar.
- Li tigi rrangata t-triq quddiem is-Sur Wirth fi Triq Sant'Anton minhabba li qed izomm hafna ilma. Ha jigi nfurmat il-kuntrattur.
- Li ssir il-bankina ta' Triq San Anton fuq in-naha ta' wara tal-Palazz tal-President.

## 9. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fid-8.00pm ghat-20 ta' Frar 2012.

____________________ Sindku

____________________ Data